# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 8 ta' Mejju, 2019

Rikors Numru: 97/19 AL

**A sive A B**

Vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fit-22 ta' Frar 2019 li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

1. Illi r-rikorrenti kienu żżewġu fis-sbatax (17) t' April tas-sena elf' disa' mija u seba' u sebgħin (1977) skond ċertifikat taż-żwieġ (anness u mmarkat bħala Dok A) u minn dan ż-żwieġ twieldu żewġ t'itfal D u E li llum huma t-tnejn maġġorenni;

2. Illi l-partijiet ilhom ‘de jure’ separati mis-6 ta’ Diċembru tas-sena elfejn u erba’ (2004) kif jirriżulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijeit in atti Nutar Dottor Robert John Muscat (anness u mmarkat Dok B);

3. Illi m’hemm ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba’ snin ma jgħixu flimkien, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u kull parti għandha rabtiet oħra;

4. Illi r-rikorrenti jiddikjara li l-ebda manteniment m’hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reċiproċi dwar manteniment.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta’ Frar, 2019;

Semgħet lill-intimata preżenti fl-awla li fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiħi maħlul u dana peress illi ipprova illi ilhom legalment separati sa mis-6 ta' Dicembru, 2004;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;